# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 6 – L-ERBGĦA 16 TA' DIĊEMBRU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier, Skużat |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku : | Ma kienx hemm pubbliku preżenti | |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.
Ġew ukoll approvati lista ta' pagamenti.

## 2. ALLOKAZZJONI FINANZJARJA 2010

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, s-Sur Alfred Buhagiar, spjega fid-dettal l-Allokkazzjoni Finanzjara għas-sena 2010.

2.2 L-ewwel tibdil li ġie nnotat kien li is-sena finanzjarja ser tibda tkun għal perjodu minn Jannar sa Diċembru u mhux kif kienet qabel minn April sa Marzu.

2.3 Ġie nnotat ukoll li s-somma allokata lill-lokalita ta' Ħal Lija din is-sena ser tkun ta' €16,528 aktar mis-sena ta' qabel. It-tabella li tispjega il-funzjonijiet turi żieda fir-rigward tal-manutenzjoni tat-toroq kif ukoll żieda fir-rigward ta' ġbir ta' skart. Filwaqt li hemm tnaqqis fis-somma allokata għal-manutenzjoni ta' ġonna, parki u soft areas.

2.4 Il-Kunsill qed ikun imġiel isegwi l-istruzzjonijiet biex kull infieq isir skond l-għan li għalih qed jingħata l-finanzi mill-Gvern Ċentrali. Din l-allokkazzjoni inħadmet skond formola għal-ħtiġijet ta' kull funzjoni imsemmija f'din it-tabella.

2.5 Fil-laqgha li jmiss il-Kunsill għandu joħroġ estimi ta' infieq għas-sena 2010 biex dawn jitressqu fil-laqgħa tal-lokalita' li d-data tagħha għad trid tiġi stabbilita.

## 3. AZZJONI LEGALI

**ANTENNA TAT-TELEKOMMUNIKAZZJONI FI TRIQ PREZIOSI**

3.1 Fil-kawża li l-Kunsill għandu dwar l-Antenna fi Triq Preziosi, fl-aħħar seduta l-Imħallef ħatar Perit tekniku biex dan imur fid-djar tar-residenti fl-inħawi ta' fejn twaħħlet l-Antenna sabiex permezz ta' magna apposta ikun jista' jagħmel l-aċċertamenti tiegħu fir-rigward ta' dannu li din l-antenna tista' tikkawża lir-residenti f'dawn l-inħawi.

3.2 Wara dan l-eżerċizzju li ser jibda jinżamm fis-7 ta' Jannar 2010 l-espert ser jagħmel rapport dwar ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ.

3.3 Il-Qorti ordnat ukoll li l-Kunsill qed ikun obligat biex joħroġ l-ispejjes neċessarji ħalli jkun jista' jsir dan l-eżerċizzju..

**TRAFFIC CLAIMS**

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilll, li fil-preżent hemm żewġ talbiet pendenti dwar spejjes ta' ħsarat fuq vetturi li ġraw fil-lokalita' ta' Ħal Lija.

3.5 Arbitraġġ Nr 1851/2009 – Rikorrent : SMS Insurance Agency Ltd. – Intimati : Malta Transport Authority / Lija Local Council

3.6 Arbitraġġ Nr M904/2007 – Rikorrent Carmelo Bugeja – Intimati : Kunsill Lokali Lija, Dipartiment tat-Toroq u Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-Avukat tal-Kunsill Dr. Chris Balzan qed jattendu għas-seduti tat-Tribunal.

## 4. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

**4.1** Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar il-preparamenti li qed isiru sabiex jinżammu l-attivitajiet tal-Milied. Dawn il-preparamenti issa waslu fil-final u jidher li ser ikun hemm parteċipazzjoni tajba kemm fl-attivita' tat-tqassim tar-rigali lit-tfal iż-żgħar minn Father Christmas kif ukoll l-attivita' għat-tfal ta' taħt it-tnax il-sena li ser jittieħdu ħarġa kulturali u fl-istess ħin għanda tkun rekreattiva.

**4.2** Is-Sindku semma' ukoll l-attivita' kulturali li tinżamm kull sena mill-Kunsill flimkien mal-Banda San Pio X fl-aħħar ta' Diċembru. Dan il-kunċert tal-Milied huwa ferm popolari mar-residenti ta' Ħal Lija u għal din l-attivita' jattendu ħafna nies anke' mir-rħula ta' madwar. Ta' min jinnota li din l-attivita' ta' dan il-Kunċert tal-Milied tinżamm fil-bini storiku tal-Knisja l-antika tas-Salvatur.

## 5. CITRUS FESTIVAL

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris stieden lill-Viċi sindku biex din tispjega lill-Kunsill dwar il-preparamenti li kienu qed isiru biex jinżamm dan il-Festival.

5.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku, tkellmet dwar Skema Inizjattivi għall-attivitajiet imħabbra f'Memo 42/2009. Hija qalet illi kienet għamlet l-appikazzjoni permess ta' l-uffiċċju tal-Kunsill biex titlob l-għajnuna minn dan l-iskema biex tinżamm l-attivita' *Citrus & Harvest Festiva*l. Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija ġiet ikkunsidrata eliġġibli għal-fondi.

5.3 Il-Kunsill Lokali Lija ser jingħata s-somma ta' €2,500 f'għajnuna finanzjarja għal din l-attivita' u dan skond deċiżjoni tal-Board imwaqqaf biex jiġġudika din l-iskema. Hija qalet ukoll li ser isir dak kollu possibli biex din l-attivita' tingħata pubbliċita meħtieġa ħalli tibqa' tkun popolari mhux biss mar-residenti imma ukoll mal-pubbliku in ġenerali.

5.4 Il-Kunsill approva programm ta' kif ser titmexxa din l-attivita'. Gie deciz li jkun mistieden il-Prim Ministru l-Hon Dr. Lawrence Gonzi ghal ftuh ta' dan il-Festival. Persuni distinti ghandhom jigu mistiedna biex jattendu ghal din l-attivita.

## 6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

**6.1** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgħa 27 ta’ Jannar 2009 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |